DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-14 ta' Frar 2014

li temenda l-Anness I tad- Deċiżjoni 2004/558/KE fir-rigward tal-approvazzjoni ta' programm ta' kontroll għall-qerda tar-rinotraċeite bovina infettiva f'reġjun fl-Italja

(notifikata bid-dokument C(2014) 737)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2014/90/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa tal-annimali li jaffettwaw il-kummerċ ta' annimali bovini u suwini ġewwa l-Komunità [1], u partikolarment l-Artikolu 9(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 64/432/KEE tistipula regoli għall-kummerċ fl-Unjoni tal-annimali bovini. L-Artikolu 9 tagħha jipprevedi li Stat Membru li għandu programm ta' kontroll nazzjonali obbligatorju għal waħda mill-mard li jittieħed elenkat fl-Anness E(II) magħha, jista' jressaq il-programm tiegħu lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni. Din il-lista tinkludi rhinotracheitis bovina infettiva. Ir-rinotraċeite infettiva bovina hija d-deskrizzjoni tal-aktar sinjali kliniċi prominenti tal-infezzjoni bil-herpesvirus bovin tip 1 (BHV1).

(2) L-Artikolu 9 tad-Direttiva 64/432/KEE jistipula wkoll id-definizzjoni ta' garanziji addizzjonali li jistgħu jkunu mitluba fil-kummerċ fi ħdan l-Unjoni.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/558/KE [2] tapprova l-programmi għall-kontroll u l-qerda tal-BHV1 imressqa mill-Istati Membri elenkati fl-Anness I magħha għar-reġjuni elenkati f'dak l-ANness u li għalihom japplikaw garanziji addizzjonali skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 64/432/KEE.

(4) L-Italja ssottomettiet lill-Kummissjoni programm għall-kontroll u l-qerda tal-BHV1 fir-Reġjun Awtonomu ta' Valle d'Aosta. Dan il-programm jikkonforma mal-kriterji stipulati fl-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 64/432/KEE. Dan il-programm jipprevedi wkoll regoli għall-moviment tal-annimali bovini fi ħdan u ġewwa dak ir-reġjun li huma ekwivalenti għal dawk implimentati preċedentement fil-Provinċja ta' Bolzano fl-Italja, li rnexxielhom jeqirdu l-marda f'dik il-Provinċja.

(5) Il-programm ippreżenatat mir-Reġjun Awtonomu ta' Valle d'Aosta u l-garanziji addizjonali ppreżentati bi qbil mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 64/432/KEE, għandhom jiġu approvati.

(6) L-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/558/KE għandu għalhekk jiġi emendat.

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I li jinsab mad-Deċiżjoni 2004/558/KE huwa sostitwit bit-test tal-Anness li jinsab ma' din id-Deċżijoni.

[1] ĠU 121, 29.7.1964, p. 1977/64.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/558/KE tal-15 ta' Lulju 2004 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE fir-rigward ta' garanziji addizzjonali għall-kummerċ intra-Komunitarju ta' annimali bovini li jirrelataw ma' rhinotracheitis bovina infettiva u l-approvazzjoni tal-programmi ta' qerda ppreżentati minn ċerti Stati Membri (ĠU L 249, 23.7.2004, p. 20).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Frar 2014.

Għall-Kummissjoni
Tonio BORG
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2004/558/KE hu sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS I

L-Istati Membri	Ir-reġjuni ta' Stati Membri li għalihom japplikaw il-garanziji addizzjonali għar-rhinotracheitis bovina infettiva skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 64/432/KEE
Ir-Repubblika Ċeka	Ir-reġjuni kollha
Il-Ġermanja	Ir-reġjuni kollha, minbarra l-istat federali tal-Bavarja
L-Italja	Ir-Reġjun tal-Friuli-Venezia Giulia Ir-Reġjun tal-Valle d'Aosta Il-Provinċja ta' Trento"